# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 6**

**Citazzjoni Numru 792/02 AE**

**Anton Ellul, Arthur Ellul, Rose Sullivan, Marlene Bugelli, Arthur Cilia, Josephine Booker, u Carmen Cilia**

**v.**

**Maria Busuttil, Anna mart Charles Delia u Anthony Busuttil, Margerita mart Anglu Psaila u Joseph Cilia u b'digriet tat-2 ta' Lulju 2004 Anna Delia u Anthony Busuttil assumew l-atti tal-kawza minflok Maria Busuttil**.

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni tal-atturi mressqa minnhom fit-12 ta' Lulju 2002, li taqra hekk:

> "Peress li Concetta Cilia kienet għamlet testmebnt, Unica Charta, fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tat-13 ta' Ġunju tas-sena 1977, flimkien ma' żewġha Joseph Cilia, (Dok. A ċertifikat taż-żwieġ) u (Dok. B kopja tat-testment Unica Charta).
> "Peress li skond il-provvedimneti ta' dan it-testment l-atturi, wara l-mewt tat-testaturi kienu ser ikunu legatarji *del residuo* ta' dak kollu li jkun baqa' mill-assi tagħhom, flimkien mal-konvenuti Anna mart Charles Delia u Anthony Busuttil, konvenuti f'dawna l-atti, fin-nona parti kull wieħed.

“Peress li Joseph Cilia kien miet fit-3 ta’ Settembru tal-1999, (Dok C ċertifikat tal-mewt) u ħalla warajh mingħajr assistenza lil martu Concetta Cili, f’kondizzjoni mentali prekarja tant li kellha tiġi rikoverata f’dar għall-anzjani.

“Peress li Concetta Cilia kienet taħt il-kura tat-Tabib Franco Camilleri u sussegwentament ukoll tal-Psikjatra Joseph Spiteri, ‘Consultant Psychiatrist’ f’ “Villa Messina” d-dar tax-xjuħ, fir-Rabat fejn kienet rikoverata.

“Peress li dawna t-tobba t-tnejn iċċertifikaw li Concetta Cilia kienet tbati minn “dementia” irriversibbli, kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta’ Dr. Camilleri tat-8 ta’ Lulju 2000 (Dok D kopja tal-istess) u ta’ Dr. Spiteri tas-16 ta’ Frar 2000, (Dok E.), liema ċertifikat kien intuża mill-konvenuta Maria Busuttil biex talbet d-dikjarazzjoni tal-Inabilitazzjoni (mhux interdizzjoni) ta’ Concetta Cilia, fit-28 ta’ Frar tas-sena 2000.

“Peress li qabel ma seħħet din l-inabilitazzjoni, (Dok F kopja tad-degriet Nru. 460/2000) u speċifikament fil-31 ta’ Diċembru tas-sena 1999 jirriżulta li Concetta Cilia, li kienet rikoverata f’ “Villa Messina”, fil-ward fejn ikun hemm dejjem is-superviżjoni tar-rikoverati, ħarġet mid-dar u marret għand in-Nutar Gambin Maurice f’San Ġiljan, biex għamlet testment addozzjonali, fil-ħamsa u kwart ta’ fil-għaxija kopja annessa (Dok G).

“Peress li dan it-tieni testment ta’ Concetta Cilia biddel drastikament d-dispożizzjonijiet testamentarji preċedenti, u dana, a dannu tal-atturi u favur il-konvenuti speċjalment Maria Busuttil, b’mod li tellifhom parti sostanzjali mil-legat lilhom dovut skond l-ewwel testment imsemmi.

“Peress kli l-atturi jsostnu li t-testment ippubblikat fil-31 ta’ Diċembru tal-1999, huwa null u bla effett peress li t-testatriċi, l-imsemmija Concetta Cilia ma kellhiex il-kapaċita` mentali biex tiddisponi dwar l-assi tagħha permezz ta’ testment, fil-kliem tal-liġi “597(d) għalkemm mhux interdetta, ma kinitx f’sensiha fiż-żmien tat-testment;” u dak li sar kien indott minn terzi persuni li lanqas ma kienu jafu sewwa l-qraba tagħha, tnt li ma ndikawx sewwa l-istess neputijiet fit-testment allegatament magħmul minnha.

“Peress li l-konvenuti qed jinterpellaw lill-atturi biex isseħħ il-qasma ai termini tat-testment tal-1999, li mhux aċċettabbli għall-atturi.

“Ghaldaqstant jgħidu l-konvenuti l-għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti 1.) tiddikjara li Concetta Cilia fil-31 ta’ Diċembru tal-1999, ma kellhiex il-kapaċita` mentali rikjesta mil-liġi biex tkun tista’ tiddisponi b’testment, u konsegwentament 2.) li t-testment ippippublikat minnha, fil-31 ta’ Diċembru tal-1999, fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin huwa null u bla effett legali.

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, minn issa inġunti in subizzjoni, inklużi l-ispejjeż tal-Mandat ta' deskrizzjoni numru 595/02, u kull att ieħor relattiv u sussegwenti."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha tal-25 ta' Ottubru, 2002, fejn gie eccepit is-segwenti:

"1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

"2. Illi t-testment ta' Concetta Cilia tal-31 ta' Dicembru 1999 huwa validu u skond il-ligi.

"3. Illi jigi rilevat li l-mandat ta' deskrizzjoni 595/02 gie revokat mill-Qorti peress li ma saritx ic-Citazzjoni fit-termini tal-ligi, u l-mandat lanqas gie notifikat lill-intimata Maria Busuttil.

"4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Jannar, 2013, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuti, cahdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**Fatti**.

"Il-fatti huma:-

"1. Joseph u Concetta Cilia kienu mizzewwgin u ma kellhom tfal.
"2. Fit-13 ta' Gunju 1977 ghamlu testment unica charta quddiem in-nutar Dr Victor Bisazza fejn hallew lil xulxin werrieta, u pprovdew li wara l-mewt tas-superstiti fosthom dak li jkun fadal jinghata b'titolu ta' legat lin-neputijiet taghhom –

"• **Anton, Arthur, Rose** Sullivan u **Marlene** Bugelli ahwa Ellul, ulied Joseph u Margherita konjugi Ellul.

“• **Arthur** Cilia iben Alfred u Rita konjugi Cilia.
“• **Josephine** Booker u **Carmen** ahwa Cilia, ulied Edgar u Jessie konjugi Cilia.
“• **Anna** Delia u huha **Anthony** Busuttil, ulied Frank u Maria konjugi Busuttil.

“3. Joseph Cilia miet fit-3 ta’ Settembru 1999.
“4. Fil-31 ta’ Dicembru 1999 Concetta Cilia, waqt li kienet qeghda tghix gewwa Villa Messina fir-Rabat, ghamlet testment quddiem in-nutar Maurice Gambin fejn:-

“• B’legat halliet lill-ohtha Maria Busuttil il-mobbli li jinsabu fil-postijiet li jissemmew fl-Ewwel Artikolu u mobbli ohra li jissemmew fit-testment. Halliet ukoll xi mobbli lin-neputija Carmen Cilia.

“• innominat lil Maria Busuttil bhala werrieta taghha ghal nofs il-gid u lin-neputijiet min-naha tal-familja ta’ zewgha, u cjoe’ ulied hutha Alfred, Edgar u Margaret Ellul. Fit-testment jinghad li halliethom werrieta f’parti minn disgha (1/9) kull wiehed.

“5. Fit-28 ta’ Frar 2000 Maria Busuttil, oht it-testatrici, ipprezentat rikors quddiem il-qorti volontarja u talbet l-inabilitazzjoni ta’ Concetta Cilia milli taghmel l-atti li jissemmew fl-Artikolu 524 tal-Kap. 12. Fir-rikors gie ddikjarat li Concetta Cilia kellha d-dementia. B’digriet li nghata fl-20 ta’ Marzu 2000, il-qorti laqghet it-talba u ordnat l-inabilitazzjoni ta’ Concetta Cilia.
“6. Concetta Cilia mietet fl-14 ta’ Frar 2002.

“**Konsiderazzjonijiet.**

“L-Artikolu 599 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

“It-testmenti maghmulin minn persuni inkapaci huma nulli, ukoll jekk l-inkapacita’ tat-testatur tispicca qabel il-mewt tieghu.”.

“L-Artikolu 597 tal-Kodici Civili jipprovdi li huma inkapaci li jiddisponu b’testment:-

“(b) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma **jkunux f’sensihom fiz-zmien tat-testment**”.

“Ir-regola generali hi li persuna hi kapaci taghmel testment; “*Ghalhekk il-prezunzjoni juris tantum, hija li min jaghmel testment huwa kapaci biex jiddisponi mill-beni tieghu, salva l-prova kuntrarja li trid issir minn min jagixxi ghall-impunjazzjoni tat-testment.*” (**Joseph Vassallo et vs Avv. Dr Victor R. Sammut**[1]). L-Imhallef M. Caruana Curran spjega li f’kazijiet ta’ din ix-xorta, “*Certament ghandha tahrab kwalunkwe*

[1] Qorti tal-Appell deciza fl-24 ta’ April 1950 (Vol. XXXIV.i.108).

*prekoncett, sia li min hu xih mhux kapaci, sia li kull min hu marid mhux f'sensih. Jekk qatt ghandu jkun hemm xi prekoncett, jekk dan huwa il-vokabolu korrett, dan huwa biss il-presunzjoni tal-kapacita', salva il-prova kuntrarja li pero' ghandha tkun, kif fuq intqal, rigoruza*." (**Joseph Bonavia et vs Giovanni Bonavia et** deciza mill-Prim'Awla fl-20 ta' Ottubru 1971).

"Fil-kaz **Joseph Vassallo et vs Avukat Dottor Victor R. Sammut et nomine**, il-qorti elenkat il-principji li ghandhom jigu segwiti f'kazijiet ta' impunjazzjoni ta' testment meta t-testatur m'huwiex f'sensih:-

*"1. Illi l-kapacita' li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l-inkapacita' hija l-eccezzjoni w ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita', liema presunzjoni hija juris tantum.*

*"2. Illi huma inkapaci li jiddeponu f'testment dawk li fiz-zmien it-testment ma jkunux f'sensiehom u illi l-inkapacita' tat-testatur ghandha tigi pprovata minn min irid jimpunja t-testment.*
*"3. Illi biex testatur ikun kapaci jaghmel testment, ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorosament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettielu li jkun jaf x'inhu jaghmel.*
*"4. Illi biex tigi stabbilita l-insanita' mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizi gravi.*
*"5. Illi l-Qrati taghna dejjem kienu reticenti li jammettu domanda biex jigi annullat testment minhabba insanita' mentali tat-testatur jekk din l-inkapacita' ma tkunx tirrizulta b'mod cert minn fatti precizi w univoci w ma jkunx gie provat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qed jaghmel it-testment.".*

"Il-prova ghandha tkun konklussiva u **kull dubju ghandu jmur favur il validita' tat-testment**.

"Kif soltu jigri f'kazijiet ta' din ix-xorta, il-qorti jkollha quddiemha zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin. In-nutar li ppubblika t-testment (Dr Maurice Gambin) xehed b'affidavit[2] u qal li kieku kellu xi dubju fuq il-kapacita' mentali tat-testatur jew testatrici, nitlob certifikat ta' psikjatra. Kompla jghid:-

"*Ghalhekk neskludi b'mod kategoriku u assolut li jien stajt ghamilt testment minn persuna li m'hijiex kapaci skond il-ligi. It-testment ta' Mrs Concetta Cilia ghalhekk jirrifletti l-volonta' taghha ta' testatrici. Inoltre nikkonferma li it-testment taghha ma sarx bi pressjoni ta' xi familjari jew persuni ohrajn*.".

"Ma sarx kontro-ezami lix-xhud ghalkemm ikkonferma li l-kaz partikolari ma kienx jiftakru. Dan ifisser li xehed fuq il-prassi li kien jaddotta. F'dan

[2] Fol. 192.

il-kuntest il-qorti taghmel riferenza ghal kaz Ingliz fl-ismijit ***Kenward v Adams*** tal-1975, fejn il-qorti osservat:-

"*In the case of an aged testator or a testator who has suffered illness, there is one golden rule which should always be observed, however straightforward matters may appear, and however difficult or tactless it may be to suggest that precautions be taken: the rule is that* ***the making of a will by such a testator ought to be witnessed or approved by a medical practitioner who satisfies himself of the capacity and understanding of the testator, and records and preserves his examination and finding.***".

"Ma jfissirx li tali prova ma tistax tigi kontestata. Pero' jibqa' l-fatt li c-certifikat jipprovdi prova b'sahhitha fl-eventwalita' li jigi kontestat it-testment. F'dan il-kaz ma sar l-ebda certifikat. Inoltre, il-qorti hi tal-fehma li d-deposizzjoni tan-nutar ma tantx tghin meta tqies li ddikjara li ma kienx jiftakar il-kaz partikolari. Mill-provi li tressqu l-qorti temmen li n-nutar kellu jinduna li t-testatrici kienet indebolita, u s-serjeta' kienet titlob li jinsisti li t-testatrici tigi ezaminata minn tabib u jinhareg certifikat mediku dwar jekk kenitx mentalment kapaci taghmel testment dakinhar li ghamlitu. L-atturi pprezentaw zewg certifikati medici:-

"1. *8 ta' Lulju 2000 ta' Dr Franco Camilleri:- "Since September 1999, Ms Cilia has been living at Villa Messina, Rabat. She has been assessed by Dr J Spiteri Psychiatrist and by myself on many occasions and in all instances, she was found to have cognitive impairment and therefore was disoriented to time place and person."*[3].

"2. 16 ta' Frar 2000 tal-psikjatra Dr Joseph Spiteri:- "*Ms Concetta Cilia was found to be suffering from Dementia. Her condition is up to present knowledge irreversible. She is unable to exert her civil rights in full. She is of unsound mind. Concetta Cilia would benefit from being inabilitated."*[4]

"It-tobba xehedu:-

"1. **Dr Franco Camilleri**[5] – Li beda jara lil Concetta Cilia fil-21 ta' Frar 1999 li kienet tilmenta dwar telf ta' memorja. Ikkonferma li l-pazjenta kienet qeghda tbati minn telf ta' memorja progressiv. Waqt li kienet qeghda tghix Villa Messina kien ra fil-15 ta' Settembru 1999, fid-19 ta' Ottubru 1999 u 23 ta' Mejju 2000. Ikkonferma li fil-perjodu li kienet qeghda tghix f'dik id-dar, il-kundizzjoni taghha marret ghall-aghar u li mill-ewwel vizta li ghamel fil-15 ta' Settembru 1999 ma kenitx orjentata. Zied ighid:-

[3] Fol. 12-13.
[4] Fol.14
[5] Seduta tad-19 ta' April 2004 a fol. 50.

> "*Jiena, meta ezaminajtha fil-15 ta' Settembru 1999, il-pazjenta ma setghetx taghmel testment. Dan nghidu minhabba n-nuqqas ta' orjentament li kellha l-pazjenta. Dan kollu ghedtu fuq domanda tal-Qorti.*
>
> *Villa Messina kienet issemmi wkoll ir-ragel, pero' r-ragel taghha kien gia' miet*."

"2. **Il-psikjatra Dr Joseph Spiteri** – li l-qorti tifhem li kien jinvista lil Concetta Cilia fiz-zmien li kienet residenti Villa Messina[6], xehed li dementia tfisser li l-pazjent ma jkunx qed "...*igharaf sew dak li jkun hemm madwaru.".* Fic-certifikat li ghamel qal li dan kien kaz ta' inabilitazzjoni ghaliex :

> *"....skond jiena id-dementia ma kienitx tant akuta illi kienet totali illi setghet kienet, biex nghidulha hekk, parzjali fis-sens illi l-memorja kienet limitata u ghalhekk fl-istess hin ir-rieda tal-pazjenta kienet qed tigi limitata wkoll. Naghti ezempju, jekk hija kellha hamest itfal setghet tiftakar fi tnejn jew tlieta minnhom biss u ghalhekk f'kaz bhal dan il-pazjenta ma tkunx tista' tiddeciedi dwar li taghmel testment u x'ser thalli fit-testment. Fir-rigward ta' din il-kondizzjoni ahna naghmlu t-testijiet li ahna nsibuhom bhala routine work, pero' ma niftakarx jekk f'dan il-kaz sarux dawn l-ezamijiet jew le, pero' nassumi li sar."*

"Jirrizulta wkoll li meta t-testatrici ddahhlet tghix gewwa Villa Messina, kienet tpoggiet f'taqsima fejn ikun hemm residenti li jbaghatu mid-*dementia*[7].

"Bhala provi l-konvenuti llimitaw ruhhom ghax-xhieda ta' Anthony Busuttil, ohtu Anna Delia u ommhom Maria Busuttil. Il-qorti hi tal-fehma li l-atturi huma iktar kredibbli fil-verzjoni li taw. Anthony Busuttil qal "*Qatt ma ghaddieli minn mohhi li hi mentalment sejra lura.*"[8]. Hekk ukoll qal: "*Jiena ma naqbilx li Aunty Cetta kienet tbati mid-dementia*."[9]. Il-provi juru mod iehor. Min-naha tieghu Edward de Gray xehed: "*Nghid li jiena ma kontx naghmel diskussjoni normali maghha minn mindu hi kienet Villa Messina. Kien difficli li taghmel konversazzjoni maghha anke minn qabel ma marret Villa Messina."[10].* Madankollu hemm indikazzjoni li Concetta Cilia baqghet taghraf lin-nies ukoll meta minn Villa Messina marret tghix f'dar ohra tal-anzjani gewwa tas-Sliema. F'dan ir-rigward Edward de Gray, li m'huwiex familjari taghha, xehed: "*Fl-okkazzjoni meta morna narawha s-Sun Creek hi kienet gharfitna pero' ftit wara, tkun insiet li ahna morna narawha*."[11].

---

[6] Ara deposizzjoni ta' Marie Craus, li kienet tahdem Villa Messina (fol. 163).
[7] Ara deposizzjoni a fol. 163.
[8] Seduta tal-14 ta' Mejju 2012 (fol. 259).
[9] Fol. 256.
[10] Fol. 171.
[11] Seduta tat-22 ta' Novembru 2005 (fol. 170).

"Jirrizulta li d-*dementia* kienet effettwat il-memorja tat-testatrici. Ghal dak li hu l-grad ta' kapacita, "*Il-ligi f'dan il-kaz tikkuntenta ruhha bil-minimu jew almenu bi grad moderat u mhux bi grad gholi u wisq inqas bis-superlattiv jew grad massimu ta' kapacita*."[12]. Dr Spiteri ccertifika lill-pazjenta bhala: "***She is unable to exert her civil rights in full. She is of unsound mind***."[13]. Madankollu l-psikjatra Dr Spiteri, li kien jaraha fiz-zmien li kienet qeghda tghix Villa Messina, ma kienx tal-fehma li dan kien kaz estrem li jimmerita interdizzjoni. Tant hu hekk li irrakkomanda l-inabilitazzjoni. Persuna li tigi inabilitata ma jfissirx li m'hijiex mentalment kapaci taghmel testment. Il-ligi stess fl-Artikolu 524(1) tal-Kap. 12 taghti x'tifhem li persuna inabilitata tista' taghmel testment, u l-atti l-ohra li jissemmew f'dak il-provvediment, bl-assistenza ta' kuratur li jinhatar mill-qorti. Mix-xhieda ta' Dr Spiteri l-qorti tifhem li d-difett li kellha t-testatrici kienet limitazzjoni fil-memorja. Pero' dan ma jfissirx li ma kellix l-uzu tar-ragun li jippermettilha li tkun konxja ta' dak li taghmel. Fil-fehma tal-qorti d-deposizzjoni ta' Dr Spiteri setghet kienet iktar fid-dettall li certament kienet titfa' iktar dawl fuq il-kaz.

"Ezami tad-disposizzjonijiet testamentarji ma jwasslux lill-qorti biex tikkonkludi li huma irragonevoli. Fil-fatt it-testatrici ma eskludietx lill-membri familjari min-naha ta' zewgha li kienu jissemmew fit-testment li ghamlet ma' zewgha[14]. It-testatrici halliet bhala werrieta lill-ohtha u membri tal-familja ta' zewgha. Ma jidher li hemm xejn stramb li qasmet il-gid taghha bejn iz-zewg familji. Fil-fatt halliet nofs gidha lill-ohtha, li wara kollox kienet l-iktar wahda qrib taghha mid-demm, flimkien ma' prelegat ta' mobbli. In-nofs tal-gid l-iehor hallietu lin-neputijiet taghha mill-familja ta' zewgha. Il-fatt li ma semmithomx b'isimhom ma jfissirx li kienet inkapaci taghmel testment. Ma ghamlet l-ebda preferenza fost in-neputijiet min-naha ta' zewgha. Hu veru li fit-testment *unica charta* tal-1977, ohtha Maria Busuttil ma kenitx wahda mill-werrieta. Madankollu jibqa' 'l fatt li dak it-testment kien sar iktar minn ghoxrin (20) sena qabel ghamlet it-testment oggett ta' din il-kawza. Sahansitra fit-testment iddisponiet li l-flus kollha "...*kontanti taghha (cash) li jkollha fil-pussess taghha fil-jum ta mewtha jsirilha Quddies ghall ruhha u skond il-pija intenzjoni taghha*.". Disposizzjoni testamentarja simili nsibuha fil-kaz **Bonavia et vs Bonavia et**, li l-qorti ddikjarat li turi sens "*ta' ghaqal u rikonoxximent tieghu innifsu u tal-bzonnijiet superjuri tieghu tat-testatur f'epoka vicinissima t-testment*.". Ma saret l-ebda prova li kien hemm xi somma tant kbira ta' flus li taghmel din id-disposizzjoni irragonevoli. Il-kontenut tat-testment ma jatix lill-qorti x'tifhem li t-testatrici kienet fi stat konfuzjonaru tali, fil-mument li

---

[12] Ara sentenza Bonavia et vs Bonavia et.

[13] Certifikat mediku a fol. 14.

[14] "*Una dei criteri della sanita' mentale del testatore e' la ragionevolezza delle sue disposizioni e nella disposizione testamentarie non e' neccessaria la prova di una giusta causa*." (Volum XXII.i.88). Fis-sentenza **Joseph Bonavia et vs Giovanni Bonavia et**, Prim'Awla (Imhallef J. Caruana Curran), tal-20 ta' Ottubru 1971 gie applikat l-istess principju:- "*L-ahjar indizju fi kwistjoni simili huwa l-kontenut stess tat-testment li jista bli stranezza, bil-kontraditorjita' jattesta ghall-istat ta' infermita' mentali tat-testatur.".*

ghamlet it-testment, li jippreklудiha milli taghmel id-disposizzjonijiet li hemm fit-testment impunjat. Sahansitra hemm ukoll prelegat lil Carmen Cilia ta' Katina tad-deheb bil-pendent. Id-dettall jaghti x'jifhem li t-testatrici kienet qeghda tifhem xi trid.

"Fic-citazzjoni l-atturi jallegaw li dak li sar *".....kien indott minn terzi persuni li lanqas ma kienu jafu sewwa l-qraba taghha, tant li ma ndikawx sewwa l-istess neputijiet fit-testment allegatamanet maghmul minnha*."[15]. Jekk l-atturi qeghdin jallegaw li d-disposizzjonijiet huma ta' Maria Busuttil u mhux ta' Concetta Cilia, m'hemmx provi li moralment jistghu jikkonvincu lill-qorti. Jekk min-naha l-ohra l-atturi qeghdin isostnu li dak li ghamlet it-testatrici kien rizultat tal-pressjoni li saret fuqha minn Maria Busuttil li hadet vantagg mill-fatt li ohtha kienet debboli, skond il-gurisprudenza *"....l-impunjazzjoni tat-testment minhabba kaptazzjoni jew suggestjoni tippresupponi l-kapacita' tat-testatur u ghalhekk hi kontradittorja mal-impunjazzjoni minhabba inkapacita' mentali assoluta (Vol. XLI.i.83).",* li saret riferenza ghaliha fil-kawza **Reverendu Sacerdot Giuseppe Desira vs Noel Agius et** deciza mill-Prim'Awla[16] fil-5 ta' Ottubru 1994[17]. Il-qorti ma teskludix li seta' kien hemm xi tip ta' pressjoni minn Maria Busuttil fuq ohtha sabiex taghmel testment wara li nstabu xi oggetti neqsin mid-dar matrimonjali, pero' dak li qeghdin jitolbu l-atturi hi dikjarazzjoni li l-attrici ma kenitx f'sensiha meta ghamlet it-testment. F'dan il-kuntest il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana osservat: "*in tema di annullamento del testamento, l'incapacita' naturale del testatore postula la esistenza non gia' di una semplice [.....] alterazione della facolta' psichiche ed intellettive del decuius, bensi la prova che [....] il soggetto sia stato privo in modo assoluto, al momento della redazione dell'atto di ultima volonta', della coscienza dei propri atti ovvero della capacita' di autodeterminare*." (18 ta' April 2005 numru 8079 u 10 ta' April 2010 numru 9081).

"Il-konvenuti ghamlu riferenza ghal fatt li fl-20 ta' Marzu 2000 it-testatrici tat prokura lil Arthur Cilia sabiex jaghmel l-affarijiet li jissemmew fiha[18]. Dokument li fih jinghad li Carmen Cilia hi xhud tal-firma u identita', u fost'affarijiet ohra ntuzat sabiex Arthur Cilia jakkwista b'donazzjoni immobbli li fihom Concetta Cilia kellha sehem. Wiehed minghajr ma jrid jistaqsi, jekk Concetta Cilia kienet fil-kundizzjoni li jiddeskrivuha l-atturi, kif setghet iffirmat il-prokura lin-neputi Arthur Cilia? Cirkostanza li certament tistona. Arthur Cilia xehed li "*Jiena qieghed naghmilha cara illi minhiex nghid illi fl-20 ta' Marzu tas-sena 2000, meta tatni din il-prokura, kienet taf x'qeghda taghmel... Mistoqsi jekk dak iz-zmien kinitx taf x'qieghed jigri Auntie Cetta nwiegeb mhux ezatt*."[19]. Dikjarazzjoni li ghall-qorti m'hijiex bizzejjed biex telimina n-

---

[15] Sahansitra l-attur Arthur Cilia xehed. "*Jiena fil-fatt irrinfaccajtha (Maria Busuttil) u* ***akkuzajta li t-testment kienet ghamlitu hija mhux iz-zija Cettina****...."* (enfazi tal-qorti).
[16] Imhallef Joseph Said Pullicino
[17] Ara wkoll is-sentenza fil-Volum XXXIV.ii.108.
[18] Fol. 237.
[19] Seduta tal-4 ta' Ottubru 2011 (fol.247-248).

> nuqqas ta' koerenza bejn dak li qeghdin jallegaw l-atturi u 'l fatt li Concetta Cilia f'Marzu 2000 iffirmat prokura favur Arthur Cilia.
>
> "Meqjusa l-provi li tressqu, l-qorti m'hijiex sodisfatta li l-atturi rnexxielhom jaghtu prova li meta sar it-testment tal-31 ta' Dicembru 1999, il-qaghda taghha kienet tali li ma tippermettelix li tirraguna u li tkun koxxenti tal-att li ghamlet."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi kollha, li permezz tieghu filwaqt li rriservaw id-dritt li jgibu l-provi ulterjuri skont il-ligi, interponew appell mis-sentenza tal-14 ta' Jannar, 2013, fl-ismijiet premessi, u talbu bir-rispett illi din il-Qorti tibdel is-sentenza fuq indikata u, waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' it-talbiet tal-atturi appellanti, bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellati.

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenuti appellati li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm moghtija talbu li l-appell interpost mill-appellanti jigi michud bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju, 2017, fejn wara li d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell, dan baqa' differit ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi appellanti qeghdin jittantaw jiksbu l-impunjazzjoni ta' testament maghmul minn Concetta Cilia, zijithom tar-rispett, liema testment sar fil-31 ta' Dicembru, 1999, fl-atti tan-Nutar

Maurice Gambin. Dan it-testment, biddel id-disposizzjonijiet precedentement minnha maghmula, flimkien mar-ragel taghha, Joseph Cilia, permezz ta' testment *unica charta,* tat-13 ta' Gunju, 1977, fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza. L-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-Artikolu 597(d) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), li jipprovdi li huma inkapaci li jiddisponu b'testment dawk il-persuni li ghalkemm mhux interdetti, ma kenux f'sensihom fiz-zmien li jsir it-testment.

L-ewwel zewg aggravji tal-atturi appellanti huma relatati, fis-sens li jitrattaw l-apprezzament tal-provi, meta jilmentaw li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili m'apprezzatx bizzejjed (i) il-prova medika li tressqet fir-rigward tal-inkapacità tat-testatrici, Concetta Cilia, fil-mument li ghamlet l-ahhar testment taghha fil-31 ta' Dicembru, 1999, kif ukoll (ii) ix-xhieda ta' qraba u persuni ohra li kienu jafuha li jixhdu li l-kondizzjoni ta' sahhitha marret lura. Jaghmlu referenza ghac-certifikat mediku tat-tabib Franco Camilleri u ghax-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, ghax-xhieda tad-direttrici ta' Villa Messina, Marie Craus, kif ukoll ghax-xhieda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri. L-atturi appellanti jishqu li l-ewwel Qorti naqset milli tqis sew dawn il-provi prodotti quddiemha, provi li fil-fehma taghhom kienu b'sahhithom bizzejjed sabiex teghleb il-principju li t-testatrici kellha tigi prezunta kapaci peress li kellha *dementia* rriversibbli li kienet ta' xkiel ghall-kapacità mentali taghha. Jinsistu li l-ewwel Qorti zbaljat meta warrbet il-provi xjentifici mressqa quddiemha permezz tac-

certifikati tal-esperti medici nvoluti. L-atturi appellanti jaghmlu rassenja ta' incidenti li jissemmew mill-istess atturi appellanti u xhieda ohra li kienu jafu lit-testattrici, li jghidu li t-testatrici kienet tilfet il-memorja konsegwenza tad-*dementia*.

Ghandu jinghad mal-ewwel li, sa fejn dan l-aggravju tal-atturi appellanti jissejjes fuq l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tirribadixxi li bhala Qorti ta' revizjoni toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx jidher li fin-nuqqas tkun qeghda titwettaq ingustizzja serja. Minn ezami tas-sentenza appellata din il-Qorti hija tal-fehma li sar apprezzament xieraq tal-provi mressqa quddiemha da parti tal-ewwel Qorti.

Dana jinghad wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kemm ir-rapporti medici mressqa mill-atturi, kif jirrizultaw annessi flimkien mal-att tac-citazzjoni, kif ukoll mix-xhieda moghtija mill-istess esperti quddiem il-Qorti. Dr. Franco Camilleri, tabib kuranti taghha, jghid li fis-sena 1999 kkonstata li l-pazjenta kienet qeghda tbati minn "*telf ta' memorja progressiva*", liema kondizzjoni ppeggjorat wara li giet rikoverata Villa Messina, peress li ma kenitx orjentata fir-rigward ta' hin, nies u l-post fejn kienet qeghda. Dr. Joseph Spiteri ikkonferma c-certifikat mahrug minnu esebit fl-atti, datat 16 ta' Frar, 2000, fejn jinghad li l-pazjenta ssofri minn *dementia* rriversibbli, jghid li ma tistax tezercita d-drittijiet

civili taghha fis-shih u li hija *"of unsound mind".* Fl-istess certifikat jirrakomanda li Concetta Cilia tigi inabilitata. Fix-xhieda tieghu spjega li d-*dementia* tfisser li l-pazjent ma jkunx qed jaghraf sew dak li jkun hemm madwaru. Jghid ukoll li hemm varji tipi u gradi varji ta' *dementia*, fil-bidu jkun hemm nuqqas ta' memorja u maz-zmien taffettwa s-*social behaviour* tal-pazjent. **Jaghmel referenza ghall-indikazzjoni tieghu li l-pazjenta tigi inabilitata (u mhux interdetta), peress li kien tal-opinjoni li l-pazjenta kellha *dementia* mhux daqstant akuta jew totali, izda kienet parzjali fis-sens li l-memorja kienet limitata u konsegwentement ir-rieda taghha kienet limitata wkoll**. Filwaqt li x-xhud Marie Kraus, direttrici f'Villa Messina, semplicement tghid li tiftakar lill-pazjenta li kienet rekoverata f'sezzjoni specjalizzata taghhom, fejn il-pazjenti jkunu ezaminati minn psikjatra darba fil-gimgha, kif ukoll ikunu jehtiegu aktar attenzjoni. Ikkonfermat ukoll li l-pazjenta kienet tiehu, fost affarijiet ohra, medicini sabiex jitrattaw il-kondizzjoni taghha tal-memorja.

In tema ta' kapacità testamentarja, din il-Qorti ssib relevanti kemm il-gurisprudenza citata mill-ewwel Qorti kif ukoll is-segwenti. Fis-sentenza tal- Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta' Marzu, 1952, fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Mifsud et v. Maria Giordano et**, inghad hekk:

> "*Il-ligi tammetti latitudni konsiderevoli fl-interpretazzjoni ta' l-istat mentali in kwantu jirreferixxi ruhu ghall-kapacita` testamentarja. U giet sostnuta b`success il-validita` ta' testment maghmul minn persuna li kienet à priori turi kapacita` dubbjuza, imma li gie pruvat li kellha*

*intelligenza sufficjenti, ghalkemm inferjuri ghall-medja, ghall-ezercizzju legali tad-dispozizzjoni ta' hwejjigha.*

*"B'mod li f'materja ta' validita` ta' testmenti, il-kwistjoni kollha tirraggira ruhha dwar il-problema jekk il-partikulari testatur jinsabx f'kondizzjoni mentali tali, minhabba fl-inkapacita` naturali, l-eta` avvanzata, mard jew insanita` li jifhem li dak li jkun qieghed ihalli bit-testment mill-istess proprjeta` tieghu jkun qieghed ihallih lil certa persuna jew persuni, li jifhem il-portata ta' l-estensjoni ta' l-assi tieghu, u li jifhem in-natura u l-effetti ta' l-att proprju fir-relazzjoni mal-pretensjonijiet naturali ta' dawk il-persuni li jigu eskluzi bit-testment tieghu.*

*"Fir-ricerka dwar l-istat mentali tat-testatur il-kriterji li jistghu jigu segwiti huma diversi u varjati. Fost dawn il-kriterji, hemm il-vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment impunjat. U fl-ezami ta' dawn id-disposizzjonijiet, fit-tnissil konvincenti aktar sod tant mill-fatt ta' l-ezami ta' l-ahhar volonta` per se, li jista' joffri bhala ndizju l-istat mentali tat-testatur, kemm ukoll mill-motiv jew motivi li jispiraw it-testatur, specjalment jekk dawk il-motivi jkunu gew espressi mit-testatur fil-waqt tat-testment jew fl-okkazjoni meta jkun qieghed jigi kontemplat dak l-att solenni, u fl-ahharnett mill-kondizzjonijiet mentali u fizici tat-testatur fil-mument meta jkun ghamel it-testment impunjat.*

*"Ir-regola tal-ligi li huma nkapaci jiddisponu minn hwejjighom dawk li ma jkunux f'sensihom ghandha tigi pprovvduta u sostanzjata minn min ikun qieghed jattakka t-testment minhabba l-inkapacita` u min jimpunja testament ghal vizzju tal-menti tat-testatur mhux biss huwa obbligat jipprova dak il-vizzju, izda l-prova tieghu ghandha tkun tikkolpixxi wkoll il-mument stess jew iz-zmien prossimu meta sar it-testment."*

Dan ifisser li huwa ritenut importanti li jigi determinat l-istat mentali tat-testatrici fil-*punctum temporis* meta sar it-testment in kontestazzjoni. Hekk ukoll l-awtur Laurent jispjega: "*Non basta dunque provare che il testatore era in uno stato abituale di demenza, bisogna provare invece che la sua follia era senza lucido intervallo, val dire permanente. Se, al contrario, e' provato che il defunto aveva dei lucidi intervalli, egli e' certo che la prova della demenza abituale sarebbe insufficiente, poiche' puo' avvenire che il testatore sia stato in un lucido intervallo nel momento in cui disponeva.*" (Principi di Diritto Civile, Vol. XI pagna 112)."

Din il-Qorti taqbel kemm ma' dawn l-insenjamenti, kif ukoll mal-principji kif elaborati mill-ewwel Qorti, in kwantu jinghad li l-kapacita` ta' persuna li taghmel testment ghandha titqies bhala r-regola filwaqt li l-inkapacita` hija meqjusa bhala l-eccezzjoni, u li l-ligi tohloq presunzjoni *juris tantum* favur il-kapacita`. Jinghad ukoll li jispetta lil dik il-parti li qeghda tittenta l-impunjazzjoni tal-att, l-atturi appellanti f'din il-kawza, li jaghmlu l-prova tal-inkapacita` tat-testatrici fil-mument li ghamlet it-testment.

Meta din il-Qorti tapplika l-principji suesposti ghall-kaz in ezami, ssib li mill-provi jirrizulta li ghalkemm it-testatrici kellha limitazzjoni fil-memorja, madankollu din il-limitazzjoni ma kenitx tirrendiha inkapaci fit-termini tal-ligi u dan kif spjegat mill-istess psikjatra meta ddefinixxa d-*dementia* ta' Concetta Cilia bhala ta' natura parzjali, mhux akuta jew totali, u li kellha tigi inabilitata mhux interdetta. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti ukoll ifisser li fil-mument li ghamlet it-testment it-testatrici kellha l-uzu tar-raguni u li setghet tesprimi x-xewqat taghha. Din il-Qorti ma ssib xejn irragjonevoli fil-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti, in kwantu ghalkemm tat kredibilità lill-verzjoni tal-atturi appellanti, aktar milli dik tal-konvenuti appellati, fis-sens li tabilhaqq it-testatrici kienet evidentement sejra lura mill-memorja, izda rriteniet li l-atturi appellanti ma rnexxielhomx jaghtu prova xierqa li meta sar it-testment fil-31 ta' Dicembru, 1999, il-qaghda tat-testatrici kienet tali li ma tippermettilhiex li tirraguna u li tkun koxxenti tal-att li ghamlet.

Huwa ritenut li l-fatt li l-ispecjalista in materja, l-psikjatra Dr. Spiteri, ma hassx il-htiega li jaghti parir li l-pazjenta tigi interdetta izda li tigi biss inabilitata, huwa sintomatiku tal-fatt li t-testatrici kellha grad ta' kapacità, tant hu hekk li fic-certifikat mahrug minnu jinghad "*She is unable to exert her civili rights <u>in full</u>*". Issa kif inghad mill-ewwel Qorti:

> "*Il-ligi f'dan il-kaz tikkuntenta ruhha bil-minimu jew almenu bi grad moderat u mhux bi grad gholi u wisq inqas bis-superlattiv jew grad massimu ta' kapacita*." (Ara s-sentenza fl-ismijiet **Joseph Bonavia et v. Giovanni Bonavia et** citata mill-ewwel Qorti).

Ezami iehor li bih tista' tigi mkejjla l-kapacità tat-testatrici, hija r-ragonevolezza tad-disposizzjonijiet maghmula minnha. Fil-fatt huwa ritenut illi biex wiehed jaghmel testment ma hemmx bzonn:

> "*una mente perfettamente e rigorosament sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di cio che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie*" (ara sentenza tal-**Qorti tal-Kassazzjoni ta' Torino ta' l-4 ta' Frar, 1871**).

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Pawlu Farrugia et v. Carmelo Farrugia et**, deciza fil-5 ta' Ottubru 2004, inghad:

> "*Fattur determinanti sabiex tigi stabbilita s-sanita` mentali tat-testatur, hija r-ragjonevolezza tad-dispozizzjonijiet illi jinsabu fit-testment. Huwa relevanti l-ezami tal-fatt jekk it-testment "e` cosi` fatto da non riscontrarsi in esso alcun segno di stoltezza" u jekk "l'atto porta i caratteri della saggezza".*

Meta wiehed jikkonsidra li permezz tad-disposizzjonijiet tal-ahhar testment taghha t-testatrici qasmet il-gid bejn iz-zewg familji, taghha u tar-ragel defunt taghha, b'dan illi halliet prelegat ta' mobbli, u nofs il-gid tal-eredità taghha lill-ohtha, filwaqt li n-nofs il-gid l-iehor kellu jinqasam bejn in-neputijiet min-naha tal-familja tar-ragel taghha, din il-Qorti ukoll, ma tara xejn anomalu jew irragjonevoli.  Anzi kif rilevat mill-ewwel Qorti, certu dettal fl-istess testment attakkat mill-atturi appellanti, bhall-prelegat tal-katina tad-deheb lil Carmen Cilia u d-disposizzjoni tal-flus sabiex isirilha quddies, huma indikazzjonijiet li t-testatrici kienet konxja sew ta' dak li kienet qeghda taghmel.

Konsiderazzjoni ohra, li fil-fehma ta' din il-Qorti titqies bhala importanti, hija l-fatt li ftit xhur wara li t-testatrici ghamlet it-testment in kontestazzjoni, fl-20 ta' Marzu, 2000, hija ghamlet prokura lil wiehed mill-atturi appellanti, Arthur Cilia, sabiex fost affarijiet ohra, huwa stess jakkwista b'donazzjoni immobbli li fihom Concetta Cilia kellha sehem. Isegwi li gustament l-ewwel Qorti ghamlet il-mistoqsija, fis-sens ta' kif min-naha wahda l-azzjoni attrici tissejjes fuq in-nuqqas ta' kapacità tat-testatrici li taghmel it-testment in kontestazzjoni fil-31 ta' Dicembru, 1999, izda sadanittant wiehed mill-atturi appellanti bbenifika minn trasferiment ta' sehem t'immobbli, in forza ta' prokura li nghatat lilu fl-20 ta' Marzu, 2000.  Din il-Qorti, bhal ta' qabilha, issib li din ic-cirkostanza tistona mal-pretensjonijiet attrici f'din il-kawza, u n-nuqqas ta' koerenza

li tirrizulta mix-xhieda tal-istess Arthur Cilia, fil-fehma ta' din il-Qorti, timmina l-pretensjonijiet attrici f'din il-kawza.

Lanqas id-diversi episodji li jsemmu l-atturi appellanti fix-xhieda taghhom jew ta' nies ohra li kienu jafu lit-testatrici ma huma meqjusa determinanti ghall-kaz in ezami. Jibda billi jinghad li la x-xhud Marie Craus li kienet direttrici f'Villa Messina u lanqas Felix Schembri ta' Sun Creek Apart Hotel ma xehdu li t-testatrici kellha *dementia* gravi kif jittantaw jghidu l-atturi appellanti fl-appell taghhom. Anzi dan l-ahhar xhud jispecifika li huma kienu jzommu pazjenti b'*dimentia* sakemm din tkun ta' natura hafifa. Mix-xhieda ta' Edward De Gray wiehed jasal ghall-konkluzjoni li t-testatrici kienet tghaddi minn fazijiet fejn ma taghrafx il-qraba u l-hbieb u drabi ohra kienet taghrafhom. Dan il-punt huwa krucjali fid-determinazzjoni ta' din il-kawza, peress li huwa ritenut li l-kapacità mentali tat-testatrici <u>fil-mument li ghamlet l-ahhar testment</u> illi jghodd u ma hemm xejn li jindika li f'dak il-mument partikolari t-testatrici ma kellhix il-kapacità mehtiega.

Ghalkemm in-nutar Maurice Gambin, li kien responsabbli mit-testment in kontestazzjoni, fix-xhieda tieghu jghid li ma jiftakarx lit-testatrici, peress li ma kenitx klijenta regolari tieghu, huwa kategoriku fix-xhieda tieghu meta jghid li t-testment jirrifletti il-volontà tat-testatrici, peress li huwa dejjem jistaqsi dwar ir-rieda ta' min jitolbu li jaghmel testment, dan billi jaghmel numru ta' domandi u f'kaz ta' dubju dwar il-kapacità tat-

testatur jew testatrici jitlob certifikat ta' psikjatra. Sfortunatament din ix-xhieda hija pjuttost generika, izda kif inghad qabel, din il-Qorti ma tirriskontra ebda disposizzjoni testamentarja rragonevoli li tixhed id-*dementia* gravi jew li hija ndikattiva ta' nuqqas ta' kapacaità testamentarja ai termini tal-ligi, kif jittantaw jghidu l-atturi appellanti. Din il-prova nkonfutabbli dwar in-nuqqas ta' kapacità tat-testatrici kienet tispetta lill-atturi appellanti, u din il-Qorti wkoll issib li ma sehhilhomx iressqu tali prova.

Ghalhekk din il-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas fl-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti. Isegwi li l-ewwel zewg aggravji tal-atturi appellanti ma jimmeritawx li jintlaqghu u ser jigu michuda.

Fit-tielet u l-ahhar aggravju taghhom, l-atturi appellanti jikkontendu li l-ewwel Qorti meta applikat il-principji li jinstiltu mill-gurisprudenza ghall-kaz in ezami, hija mxiet fuq binarji zbaljati. Huma jikkontendu li l-bazi tal-azzjoni attrici hija li t-testatrici Concetta Cilia kienet tilfet il-kapacità mentali li tiddisponi minn gidha b'testment, bil-konsegwenza li t-testment taghha tal-31 ta' Dicembru, 1999, huwa null u bla effett, u mhux semplicement li ohtha Maria Busuttil ghamlet pressjoni fuq it-testatrici. Jishqu li l-ewwel Qorti kellha tiddetermina haga wahda u cioè jekk Concetta Cilia kienetx kapaci jew le. Jinsistu li tressqu provi medici u prattici li jippruvaw li Concetta Cilia kienet disorjentata, tilfet il-kapacità mentali li tiddisponi minn gidha permezz ta' testment, sal-punt li hija tilfet

sahansitra l-uzu tar-raguni. Jishqu li l-kumpless tal-provi prodotti huma sufficjenti sabiex jghelbu l-prezunzjoni tal-kapacità testamentarja lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Fl-ahhar ta' dan l-aggravju jinghad illi t-testment tal-1999 gab it-tahwid mieghu peress li filwaqt li permezz tat-testment *unica charta* l-konjugi Cilia ppjanaw u rabtu lil xulxin dwar kif kienu ser jiddisponu mill-gid taghhom wara l-mewt, ma tawx lil xulxin il-fakultà li jiddisponu diversament wara l-mewt tal-premorjent fosthom. Ghalhekk l-atturi appellanti jikkontendu li jekk it-testment tal-1999 jigi dikjarat validu, ifisser li Concetta Cilia jekk kienet kapaci, ser tinkorri l-ksur tad-disposizzjoni tal-ligi fl-Artikolu 593(1) tal-Kodici Civili u titlef il-wirt ta' zewgha. Dan ukoll, fil-fehma tal-appellanti kellu jikkonvinci lill-ewwel Qorti li Concetta Cilia kienet inkapaci peress li tilfet l-uzu tar-raguni, kif huma jishqu li jinsab accertat mill-provi mressqa minnhom.

Fil-verità din il-Qorti tqis li dan l-ahhar aggravju tal-atturi appellanti huwa fil-maggor parti tieghu repetizzjoni tat-tnejn ta' qablu, fejn terga' ssir referenza ghall-provi mressqa mill-atturi appellanti u li dawn kienu tali li kellhom jikkonvincu lill-ewwel Qorti sabiex tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha. L-uniku differenza hija li taht dan l-aggravju jinghad li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-principji li jinstiltu mill-gurisprudenza dwar il-kapacità testamentarja ghall-fatti tal-kaz in ezami. Izda, meta din il-Qorti ezamina l-ligi, kif ukoll

il-principji relattivi, u tapplikahom ghall-fatti tal-kaz in ezami, hija tasal ghall-istess konkluzjoni u ma tara ebda applikazzjoni hazina tal-principji legali adottati mill-ewwel Qorti.

Ghalkemm fic-citazzjoni tal-atturi appellanti *inter alia* jinghad ukoll li dak li sar mit-testatrici kien indott minn terzi persuni, jibqa' l-fatt li t-talba attrici kontenuta fic-citazzjoni hija msejsa fuq l-Artikolu 597(d) tal-Kodici Civili meta tintalab dikjarazzjoni ta' nullità tat-testment tal-31 ta' Dicembru, 1999, peress li jinghad li Concetta Cilia ma kellhiex il-kapacità mentali rikjesta mil-ligi biex tiddisponi b'testment. L-ewwel Qorti gustament ittratat ukoll l-allegazjoni tal-atturi kif kontenuta fic-citazzjoni, izda korrettement ikkonkludiet:

> "*Il-qorti ma teskludix li seta' kien hemm xi tip ta' pressjoni minn Maria Busuttil fuq ohtha sabiex taghmel testment wara li nstabu xi oggetti neqsin mid-dar matrimonjali, pero' dak li qeghdin jitolbu l-atturi hi dikjarazzjoni li l-attrici ma kenitx f'sensiha meta ghamlet it-testment…Meqjusa l-provi li tressqu, l-qorti m'hijiex sodisfatta li l-atturi rnexxielhom jaghtu prova li meta sar it-testment tal-31 ta' Dicembru 1999, il-qaghda taghha kienet tali li ma tippermettelix li tirraguna u li tkun koxxenti tal-att li ghamlet*."

Ghalhekk l-argument tal-atturi appellanti taht dan l-ahhar aggravju m'ghandu ebda fundament in kwantu l-principji gurisprudenzjali citati mill-ewwel Qorti kienu applikati sew u din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-fatti rizultanti mill-provi in atti, waslet ghall-istess konkluzjoni tal-ewwel Qorti, in kwantu dak allegat mill-atturi ma jirrizultax pruvat kif titlob il-ligi applikabbli, u kif interpretat mill-gurisprudenza taghna.

In kwantu fl-istess aggravju tal-atturi appellanti jigi invokat l-Artikolu 593(1) tal-Kodici Civili, huwa ritenut li dan certament jezorbita ghal kollox minn dak li l-atturi appellanti ppremettew u talbu fl-att tac-citazzjoni in dizamina. Huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna, illi kawzali kif espressa fic-citazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawza u l-Qorti ghandha toqghod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fic-citazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza moghtija tkun *extra petita*. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru, 1952, fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Debono v. Chevalier Antonio Cassar Torreggiani,** kif ukoll dik aktar recenti, tat-30 ta' Novembru, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Alphonse Sant v. Pauline Micallef et.**)

Isegwi li lanqas dan l-ahhar aggravju ma huwa ritenut meritevoli u ser jigi michud.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi appellanti billi <u>tichad</u> l-istess, u s-sentenza appellata qeghda tigi kkonfermata fis-shih, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-istess atturi appellanti *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df